# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 50 – IL-ĠIMGĦA 4 TA' JANNAR 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 49**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru. 49 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Wara mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar ix-xiri tal-*power washer*, kien hemm qbil li għandha ssir prova billi tinkera waħda għal ġurnata.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar jekk saritx ir-rampa temporanja ta' viċin it-torri tal-ilma, is-SE infurmat li x-xogħol fuqha kien għadu ma sarx.

2.3 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 6.9 dwar il-kaxxa s-safra ta' Triq Sir Leslie Rundle, is-SE infurmat li kienet bagħtet tfakkira dwarha lil TM. Infurmat li kienet bagħtet oħra wkoll rigward it-talba tal-Kunsillier Vella għal *sleeping policeman* quddiem Binja Ġebel Dwejra.

2.4 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar id-dawl għall-passaġġ għal Binja Msieraħ, is-SE infurmat li kienet reġgħet bagħtet tfakkira oħra lir-rappreżentant tal-Enemalta. Is-Sindku informa li dan kien tkellem miegħu u talbu jiġbor l-istimi għall-arbli kif ukoll għal-lampi.

2.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar para. 2.7, is-SE infurmat li kienet reġgħet irċeviet lista oħra mingħand l-ETC b'isem ta' persuna waħda li iżda ma kinitx applikat. Kien hemm qbil li għandha terġa' tagħmel kuntatt mal-ETC.

2.6 Hawnhekk il-Kunsill talab lis-SE sabiex tibgħat ittra lir-residenti involuti fir-rigward tal-proposta tal-Kunsill sabiex numru ta' toroq u parkeġġi jkunu esklussivament *For Residents Only* sabiex nitolbu għall-kummenti tagħhom.

2.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar para. 6.5 u 6.6, is-SE infurmat li dawn iż-żewġ applikazzjonijiet għax-xogħlijiet ma jistgħux isiru qabel ma l-Kunsill ikollu servizz għal Perit minħabba li jkun hemm bżonn ta' pjanti u *drawings* sabiex jiġu sottomessi lil TM.

Sadanittant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika jekk ikunx possibbli li l-bus shelter li hemm fi Triq l-Imtarfa faċċata tal-ħanut taż-żebgħa tkunx tista' tersaq sabiex din it-trejqa takkomoda aktar parkeġġ għal min jiġi jixtri.

2.8 Is-Sindku talab lis-SE tagħmel spezzjoni quddiem is-*sleeping policeman* fid-daħla għal Triq l-Imtarfa minħabba li hemm ilmenti li l-bankina hija dejqa ħafna.

2.9 Hawnhekk kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit sabiex il-Kunsill jiddiskuti xi kwistjonijiet mal-kuntrattur tat-tindif. Il-ħin kien it-8:25pm.

2.10 Il-laqgħa reġgħet bdiet fid-8:45pm.

2.11 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn li jiltaqa' l-bord tal-aġġudikazzjoni dwar l-offerti li kienu għadhom pendenti, b'mod speċjali dak tal-ġbir tal-iskart kif ukoll tal-latrini pubbliċi. Kien hemm qbil għaldaqstant li ssir laqgħa kemm jista' jkun malajr.

2.12 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar il-parkeġġ għal *un/loading* bejn Trejqet il-Qronfol u Triq il-Ġilju fuq ġewwa tal-*barracks*, is-SE infurmat li ma kinitx għadha infurmat lir-resident li għamel it-talba dwar id-deċiżjoni li għalkemm il-Kunsill jaqbel fuq il-kunċett, il-Kunsill se jistenna sakemm ikollu s-servizz ta' perit biex ikun jista' jindaga dwar il-loġistika tiegħu.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk ġabritx aktar kwotazzjonijiet dwar id-dawl għall-monument. Hija infurmat li kienet pruvat terġa' tagħmel xi kuntatti però għad ma kellha xejn aktar ġdid.

3.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandhom jitħawlu 4 siġriet fil-*planter* ta' Triq Gregorio Caraffa.

3.3 Is-Sindku wassal talba wkoll mingħand il-Kunsillier Scerri Diacono sabiex jitħawlu 3 siġriet fil-Ġnien tas-Sinjura. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

3.4 Is-Sindku ressaq talba għall-informazzjoni dwar applikazzjoni għal skema tar-restawr tat-torir tal-arloġġ li l-Kunsill kien applika għaliha xi xhur qabel. Is-SE infurmat li kienet se tivverifika mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.5 Is-Sindku informa li kien qiegħed għaddej bil-proċess ma' Transport Malta sabiex possibbilment issir ir-rikostruzzjoni ta' Triq l-Anzjani u Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello.

3.6 Is-Sindku wassal talba tal-Kunsillier Scerri Diacono sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jinstalla *parquet* fis-sala l-kbira minħabba l-*aerobics*. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni sabiex jinġabu l-kwotazzjonijiet iżda dawn għandhom jerġgħu jitwasslu quddiem il-Kunsill.

3.7 Hawnhekk il-Kunsill qabel li jwaqqaf is-seduta temporanjament sabiex il-Kunsill jiltaqa' mas-Sur John Micallef f'isem l-iMtarfa Drama Group. Il-ħin kien id-9:25pm. Il-laqgħa tkompliet fl-10:05pm. Hawnhekk il-Kunsill ikkonferma li l-attività tad-dramm tal-passjoni għandha terġa' tittella' anke din is-sena u għaldaqstant is-SE kienet se taħseb għal baġitt għaliha. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li huwa importanti li l-kunsill iżomm mal-baġitt minħabba li fl-2013 kienu se jogħlew xi kuntratti ġodda li kienu se jinbdew u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li wieħed jirristrinġi aktar f'dak li għandhom x'jaqsmu l-attivitajiet.

3.8 Is-Sindku informa li kif spiċċat il-parata tal-Guggen Musik, dawn kienu għaddew żewġ CD's lill-Kunsill bħala tifkira u ringrazzjament.

3.9 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat nota ta' ringrazzjament lill-iMtarfa Drama Group u lil Zodiac Dancers talli għoġobhom jagħtu *entertainment* bla ħlas waqt l-ikla tal-anzjani u l-ikla tal-komunità.

3.10 Fuq suġġeriment tas-Sindku, il-Kunsill approva li ssir l-attività tal-Karnival, sakemm din ma taqbiżx il-€500. L-attività se ssir nhar il-Ħadd 10 ta' Frar fl-10am.

3.11 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa ġewwa l-uffiċini tal-MEPA flimkien mal-Perit, uffiċjali tal-KNPD u tal-Ambjent fir-rigward tal-permess tal-bosk. Hija spjegat li wara diversi proposti, kien hemm qbil li l-*picnic tables* għandhom ikunu kollha fuq il-*walk way* sabiex ikunu aċċessibbli kollha għal kulħadd. Min-naħa tagħhom kienu wegħdu li jekk ma jkunx hemm mistoqsijiet u/jew problemi oħrajn, il-permess għandu jinħareġ sal-aħħar ta' Frar 2013.

3.12 Is-SE infurmat li sadanittant ix-xogħol ta' manutenzjoni bejn il-*barracks* inbeda u għaddej ġmielu. Ix-xogħol kellu jkun lest għall-aħħar ta' Frar 2013.

3.13 Is-SE infurmat li nhar l-14 ta' Frar kien se jkun hemm is-seduta l-Qorti fir-rigward tal-każ tal-vettura tas-sinjuri Zahra.

3.14 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tad-Drenaġġ kienu qed jagħmlu xi xogħlijiet fi Triq it-Torri tal-Arloġġ wara lmenti persistenti min-naħa tal-Kunsill dwar irwejjaħ u skular ta' drenaġġ fit-triq.

3.15 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni għal aktar informazzjoni lura dwar l-applikazzjoni tal-MEPA tal-parkeġġ. Hija infurmat li qed tispera li dan il-permess jinħareġ mill-aktar fis possibbli sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol meħtieġ.

## 4. Ħlasijiet u Pagamenti

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Diċembru. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien reġa' wasal iż-żmien sabiex tiġġedded l-assikurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsilliera u l-impjegati. Kien hemm qbil li għandu jsir it-tiġdid.

4.4 Is-SE preżentat kwotazzjoni mingħand is-Sur Carmel Cortis sabiex jirranġa xi injam mal-gazebo li tinsab fuq wara tat-torri tal-ilma. Din tammonta għal €177. Il-Kunsill qabel.

4.5 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fuq il-FAR, kien hemm bżonn li l-Kunsill jixtri l-liċenzja għas-*software* Evolution għas-somma ta' €592. Il-Kunsill qabel li tinxtara.

## 5. Laqgħa tal-Lokalità

5.1 Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex isib data biex tinżamm il-laqgħa tal-lokalità. Kien hemm qbil li din għandha ssir il-Ħadd 17 ta' Frar fid-9:30am.

## 6. Performance Bonus (Segretarju Eżekuttiv u Skrivan)

6.1 Kien hemm qbil unanimu li ż-żewġ impjegati tal-Kunsill għandhom jingħataw il-massimu, jiġifieri 10% għas-SE u 6% għall-iskrivan.

## 7. Punti Oħra

7.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex tintbagħat tfakkira lill-Perita (TM) dwar il-bżonn li jitbaxxa l-asfalt quddiem dar fi Triq l-Imtarfa.

7.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni għal double yellow line fit-trejqa li tinsab faċċata ta’ Triq Theuma Castelletti fi Triq l-Imtarfa.

7.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir aktar traqqigħ fi Sqaq Alessi. Dan ġie approvat.

7.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni għal mera fi Triq Prosperina kantuniera ma’ Triq A. Fremantle.

7.5 Is-Sindku informa li l-persuna li kien innomina l-Kunsill għal Nazzareno Vassallo Award ma kinitx aċċettat u għaldaqstant kien innomina lill-persuna l-oħra li kienu tkellmu dwarha waqt il-laqgħa preċedenti, is-Sinj. Dorothy Degabriele.

**8. AĠĠORNAMENT**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 7 ta’ Frar 2013 fis-7.30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**